FGURA

Minuti tal-laqgħa numru wieħed u erbgħin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tlieta 15 ta' Frar 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.Degiovanni |
| **Kunsillieri**: | Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R Cutajar<br>Is-Sur A Debono<br>Is-Sur M Lombardo<br>Is-Sur P Dalli<br>Is-Sur C Bonello – 6.35p.m |
| **D/Segretarju:** | Is-Sur P. Massa |

Is-Sur D Marmara` kiteb lill-Kunsill fejn talab sabiex jiġi skużat mil-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill iddeċieda li r-raġuni kienet ġustifikata u għalhekk approva li s-Sur D Marmara` jiġi skużat għal-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Approvazzjoni ta' Minuti

1.01 **Minuti tal-Laqgħa 7 ta' Jannar 2011** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-laqgħa tas-7 ta' Jannar 2011.

1.02 Il-minuti tal-laqgħa kienu approvati nem con.

1.03 **Minuti tal-Laqgħa (laqgħa urġenti) 10 ta' Jannar 2011 –** Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-laqgħa urġenti tal-10 ta' Jannar 2011.

1.04 Il-minuti tal-laqgħa kienu approvati nem con.

## 2.0 Korrispondenza

2.01 Ma kienx hemm korrispondenza mmarkata sabiex tinqara.

## 3.0 Purchase Request Forms

3.01 Wara li saret diskussjoni fuq il-lista annessa Dok'A', is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2914/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-purchase request forms annessi". Din kienet sekondata mis-Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R. Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur M Lombardo, Sur C Bonello.

Il-Viċi Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2914/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tlett astenzjonijiet.

## 4.0 Ħlasijiet

4.01 Wara li saret diskussjoni fuq il-lista annessa Dok'B', is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2915/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-payments annessi ħlief dawk pagabbli lil Ronald Bezzina Street Sweeping Services". Din kienet sekondata mis-Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur M Lombardo, Sur A Debono, Sur C Bonello.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2915/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tlett astenzjonijiet.

4.02 Is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2916/11/6 "B'referenza għal-lista annessa, ta' pagamenti dovuti lil Ronald Bezzina Street Sweeping services, dan għandu jitħallas dak dovut lilu, ħlief għal 5% tas-somma, minħabba l-ammont kbir ta' default notices. Dan ikun in full and final settlement, wara li l-kuntratt ma l-istess kuntrattur twaqqaf unanimament min dan il-Kunsill". Din kienet sekondata mis-Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd

Astenzjonijiet – Sur M Lombardo, Sur A Debono, Sur C Bonello.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2916/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tlett astenzjonijiet.

4.03 Wara li saret diskussjoni fuq il-lista addizzjonali annessa Dok'C', is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2917/11/6 "Sabiex jiġu approvati payments 2 annessi". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur M Lombardo, Sur A Debono, Sur C Bonello.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2917/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tlett astenzjonijiet.

## 5.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-iskrivana l-ġdida bdiet taħdem mal-Kunsill u li hija ntegrat tajjeb fix-xogħol tal-Kunsill tal-Fgura. Huwa żied jgħid li fl-impjieg preċedenti hija kienet taħdem ħafna fuq attivitajiet li kien jorganiżża l-Kunsill.

5.02 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jistampa fuljett ieħor għaż-żmien il-Ġimgħa l-Kbira. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2918/11/6 "Sabiex jinħareġ il-magazine "Mill-Kunsill", full colour. Dan ikun dedikat lill-wirjiet tal-ġimgħa l-kbira orgniżżati mill-għaqdiet tal-Fgura. Kopji jsiru 5000. 4000 sabiex jitqassmu fid-djar u 1000 kopja sabiex jitħallew fil-wirjiet. Prezzijiet għar-riklamar: 25% of page – 50 euro, 50% of page – 85 euro, full page – 170 euro, Inserts (provided by customer) – 100 euros, back page – 230 euros. Għal dan il-magazine ikunu responsabbli s-Sindku bħala l-Editur, u l-Viċi Sindku. Spejjeż għall-Kunsill; 1200 euros *printing* u 140 euros *delivery*". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2918/11/6 kienet approvata nem con.

5.03 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward 15 il-*video* antiki u li m'għadhomx ta' użu għall-Kunsill. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2919/11/6 "Sabiex 15 –il *video* li kienu jitniżżlu fl-*istock list* bħala *assets*, dawn ma jibqgħux jitniżżlu". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2919/11/6 kienet approvata nem con.

5.04 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-*Accountant* kien qed jaħdem sabiex ilesti l-*Financial Statements* sat-Tnejn 21 ta' Frar 2011. Ġie deċiż li nhar it-Tnejn 21 ta' Frar 2011 issir laqgħa urġenti tal-Kunsill fis-6.30p.m biex jiġu approvati l-*Financial Statements* għas-sena 2010.

5.05 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt li waslet ittra l-Kunsill mingħand l-avukat ta' persuna li allegat li kienet waqgħet minħabba stat ħażin ta' bankina. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2920/11/6 "Wara li rċevejna ittra bl-avukat fejn qed jiġi allegat li persuna weġġgħet minħabba l-istat ħażin tal-bankina, jintbagħat il-perit jiċċertifika". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur M Lombardo, Sur C Bonello.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2920/11/6 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

5.06 Is-Sindku ssuġġerixxa li issa li twaħħlu CCTV Cameras fl-Uffiċċju tal-Kunsill, il-Kunsill għandu jinstalla sistema ta' *alarm*. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2921/11/6 "Sabiex jinxtara alarm hekk kif anness". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2921/11/6 kienet approvata nem con.

5.07 Is-Sindku ssuġġerixxa li tiġi organiżżata ħarġa kulturali għar-residenti tal-Fgura fejn jittieħdu jaraw il-*Valletta Living History*. Is-Sinjura R Cutajar resqet mozzjoni ref: 2922/11/6 "Sabiex issir ħarġa għall-Valletta Living history hekk kif anness għal spejjeż ta' mhux aktar minn 100 euros". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2922/11/6 kienet approvata nem con.

5.08 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2923/11/6 "Sabiex jinħareġ magazine għall-ħabta ta' Marzu bl-istess prezzijiet għar-riklami". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2923/11/6 kienet approvata nem con.

5.09 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar problema li kellu s-Sur Nardu Zerafa relatata mal-possibilta li vetturi kbar jolqtu l-gallarija tar-residenza tiegħu. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2924/11/6 "Sabiex TM tiġi nfurmata bil-problema skond l-ilment anness, u nitolbu soluzzjoni min-naħa tagħhom". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur M Lombardo, Sur C Bonello.

Kontra – Sur A Debono
Astenzjonijiet – Ħadd.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2924/11/6 kienet approvata b'seba' voti favur, vot wieħed kontra u l-ebda astenzjoni.

5.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt tal-*Contract Management* kien jiskadi fil-31/3/2011 u li l-istess Kuntratt jipprovdi li jiġġedded għal sena oħra. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2925/11/6 "Sabiex jiġi estiż CM-17-10 b'sena". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2925/11/6 kienet approvata nem con.

5.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li daħlet offerta lill-Kunsill għall-*work placement* ta' student. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2926/11/6 "Sabiex jiġi aċċettat student għal ġimgħa, hekk kif anness". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2926/11/6 kienet approvata nem con.

5.12 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-komunikazzjoni mis-Sede Kulturali u Soċjali dwar riklam fil-*magazine* li ser joħorġu. Hawnhekk is-Sur S Camilleri iddikjra interess personali f'din il-komunikazzjoni u rtira mid-diskussjoni. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2927/11/6 "Sabiex dan il-Kunsill jagħmel riklam fuq il-magazine maħruġ mis-Sede Kulturali u Soċjali għall-prezz ta' 60 euro hekk kif anness". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2927/11/6 kienet approvata nem con.

5.13 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2928/11/6 "Sabiex dan il-Kunsill jixtri żewġ kotba, wieħed għas-self u l-ieħor għar-referencing bl-isem "Ta' Kola Windmill" hekk kif anness. Prezz Euro 6.95 x 2". Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2928/11/6 kienet approvata nem con.

5.14 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-offerta ta' xiri ta' kotba għal-Librerija mill-kumpanija Wise Owl. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2929/11/6 "Sabiex jinxtraw kotba mingħand Wise Owl għall-prezz ta' 200 euro hekk kif anness, wara li l-Kunsill japprova l-lista tal-kotba li ser jinxtraw b'email". Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2929/11/6 kienet approvata nem con.

5.15 Is-Sindku nforma l-Kunsill li għad fadal xi lezzjonijiet xi jsiru mill-korsijiet tal-*Aerobics* għall-*Obese*. Wara li saret diskussjoni, s-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2930/11/6 "Sabiex il-Kunsill ikompli bl-*aerobics* tal-*Obese* hekk kif anness, li l-unika ħlas għalihom huwa l-purtinar". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2930/11/6 kienet approvata nem con.

5.16 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-fatt li l-iskrivani tal-Kunsill kienu qed jaħdmu 8 siegħat żejda fis-sena. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2931/11/6 "Peress li skond kif anness, il-*clerks* ħadmu 8 hours żejda s-sena l-oħra, u ser jaħdmu 8 siegħat żejda din is-sena, minħabba l-mod ta' kif qegħdin is-siegħat. Mis-sena d-dieħla l-ħinijiet jinbidlu b'dan il-mod: Sabiex nikkompensaw għall-ħinijiet għandhom jitilqu siegħa qabel għal tmint ijiem, darba nofs il-grupp u darba n-nofs l-ieħor. Għat-tmint ijiem żejda li ħadmu jingħataw ġurnata leave". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2931/11/6 kienet approvata nem con.

5.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li daħal ilment rigward nuqqas ta' bins fi Triq Zabbar viċin il-ħanut @240. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2932/11/6 "Sabiex isir bin viċin tal-pizza fejn @ 240 fi Triq Zabbar skond l-ilment anness". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2932/11/6 kienet approvata nem con.

5.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie verifikat li t-tliet irħamiet li hemm nieqsa mal-Monument tas-Salib jinsabu għand id-Diviżjoni tax-Xogħolijiet. Is-Sur C Bonello fakkar il-Kunsill li xi xhur ilu kien ippreżenta lill-Kunsill pjanti proposti għar-restawr tal-monument, liema restawr kien ser isir mid-Diviżjoni tax-Xogħolijiet. Ġie deċiż li dawn il-pjanti jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

5.19 Is-Sindku spjega li kien jeħtieġ li l-Kunsill ikun jaf uffiċjalment jekk biċċa art fi Triq San Xmun kienitx privata sabiex nistabbilixxu jekk titwaħħalx plakka bl-isem. Wara li saret diskussjoni, l-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: 2933/11/6 "Li dan il-Kunsill jindaga mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar jekk il-biċċa triq fi Triq San Xmun hiex art pubblika jew privata, ħalli l-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi jagħmilx plakka bl-isem tat-Triq l-Għarnuq". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2933/11/6 kienet approvata nem con.

5.20 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward ilment li hemm nuqqas ta' dawl fi Triq Kent. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2934/11/6 "Sabiex issir bozza skond l-ilment anness fi Triq Kent". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2934/11/6 kienet approvata nem con.

5.21 Is-Sindku rrefera għal-talba li saret mill-Kumpanija Go sabiex twaħħal żewġ *cabinets* fil-Fgura. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2935/11/6 "Il-Kunsill jaċċetta t-talba ta' GO hekk kif anness fir-rigward li ssir cabinet tal-GO fi Triq Zabbar, faċċata tal-Golden Harvest peress li ma tistax issir f'nofs il-bankina, *subject* li jġibu l-approvazzjoni m'għand ir-residenti. Rigward it-talba l-oħra għal *opposite Keyhole bar*, il-Kunsill ma jaċċettax it-talba li din issir f'nofs il-bankina, u

hemm il-bokka tax-xelter". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2935/11/6 kienet approvata nem con.

5.22 Is-Sindku spjega li l-Kunsill irċieva stedina biex jikkunsidra jorganizza *Karaokee Championship* fil-Fgura. Il-Kunsill ma kienx interessat li jilqa' din l-istedina.

5.23 Il-Kunsilliera ġew ippreżentati bil-*Quarterly Financial Reports* għall-perjodi Jannar sa Marzu u April sa Ġunju 2010. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2936/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-*quarterlies* annessi". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur M Lombardo, Sur C Bonello.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2936/11/6 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

5.24 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li daħlu diversi lmenti dwar nuqqas ta' dawl fil-mina li hemm fi Triq l-Għollieq. Dan kien qed jagħti lok għall-abbużi. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2937/11/6 "Sabiex issir lampa ġdida, fi Triq l-Għollieq li tirrifletti d-daħla tal-mina, peress li qed isiru l-abbużi". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2937/11/6 kienet approvata nem con.

5.25 Is-Sindku rrefera għall-komunikazzjoni mis-Superjura tal-Mużew tal-bniet fejn talbet li jkollhom parkeġġ riservat kif ukoll li l-Kunsill jipprovdi ħaddiema biex jiżbgħu passju għat-tfal. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2938/11/6 "Rigward it-talba annessa mis-Superjura tal-mużew, il-Kunsill iwieġeb fis-sens li ma jistax jagħmel ir-*reserved parking* imsemmi għaliex il-liġi ma tippermettix. Rigward il-passju, nibgħatu l-*handymen* ipinġu passju". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2938/11/6 kienet approvata nem con.

## 6.0 <u>Ftuħ t'Offerti</u>

6.01 Ma kienx hemm offerti x'jinfetħu.

## 7.0 <u>Aġġudikazzjoni t'Offerti</u>

7.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li offerta waħda daħlet għall-Kuntratt tar-restawr ta' niċeċ. Din kienet mingħand Alex

Caruana għall-valur ta' €4,500. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2939/11/6 "Sabiex naċċettaw lil Alex Caruana għal NIC-17-10 peress li hija l-aktar offerta vantaġġjuża". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2939/11/6 kienet approvata nem con.

## 8.0 Sejħiet għall-Offerti

8.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2940/11/6 "Sabiex jinħareġ tender għal użu ta' *sports ground* fil-Fgura, sagħtejn fil-ġimgħa. Għal sena, b'*option* li jiġġedded għal 3 snin". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2940/11/6 kienet approvata nem con.

8.02 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm xi kuntratti li waslu biex jagħlqu. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2941/11/6 "Sabiex jinħareġ tenders għal *Cleaning* tal-Uffiċini, *Patching Works*, Tender ta' Bankini". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2941/11/6 kienet approvata nem con.

## 9.0 Segretarju Eżekuttiv

9.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kien kellem lis-Sur James Catania, Uffiċċjal fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn dan ta' l-aħħar spjega li fil-ġranet li ġejjin ser jipprovdi l-lista ta' persuni fil-*pool* ta' Segretarji Eżekuttivi.

## 10.0 Uffiċini tal-Kunsill

10.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv kien kiteb lill-Onor. Dr. Chris Said biex jistaqsi jekk kienx hemm xi żviluppi fir-rigward it-talba tal-Kunsill għall-għajnuna finanzjarja għall-kostruzzjoni tal-Uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill. L-Onor. Dr. Said wieġeb li t-talba kienet qed tiġi kkunsidrata.

## 11.0 Memos

11.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-talba biex jiġu organiżżati lezzjonijiet tal-*aerobics* flimkien mal-Kunsill Malti għall-iSport qed tiġi evalwata.

## 12.0 Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali

12.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir talba għad-devoluzzjoni tal-art mitluqa li hemm fi Triq ir-Riħan sabiex din ma tibqax fl-istat li tinsab fiha fil-preżent. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2942/11/6 "Sabiex dan il-Kunsill jitlob li

ssir devoluzzjoni lilu il-pjazza li hemm fi Triq ir-Riħan fejn Conti l-Mechanic". Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2942/11/6 kienet approvata nem con.

12.02 Is-Sindku spjega lill-Kunsill li kien qed ikun hemm diversi vetturi li kienu qed jaħbtu fis-*central strip* fi Triq Żabbar quddiem il-ħanut Zenti. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2943/11/6 "Sabiex isiru *cateyes* fi Triq Zabbar quddiem Zenti u ssir *flood light* fuq iz-*zebra cross*". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur M Lombardo, Sur C Bonello.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2943/11/6 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

12.03 Is-Sur S Camilleri staqsa dwar it-talba għad-devoluzzjoni tal-art wara l-Librerija għall-estenzjoni tal-istess Librerija. Is-Sindku spjega li qed jinġabru d-dokumenti meħtieġa sabiex issir it-talba formali għad-devoluzzjoni.

12.04 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret talba lill-Kuntrattur responsabbli biex isiru x-xogħolijiet meħtieġa relatati mal-konka fi Triq Reggie Miller.

12.05 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li f'każ li l-Kumpanija Greenpak ma twaħħalx *u-bars* li magħhom ser jintrabtu l-iskips tal-*bring-in sit*e fi Triq Mater Boni Consilii, dawn ser jitwaħħlu mill-Kunsill.

## 13.0 Rapporti: Kumitati u Sotto-Kumitati

13.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa oħra tas-Sotto Kumitat tat-Traffiku. Is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2944/11/6 "Sabiex il-Kunsill jibgħat dawn l-ilmenti annessi ma' rapport lil T.M biex jiġu verifikati". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2944/11/6 kienet approvata nem con.

## 14.0 Mozzjonijiet

14.01 Mozzjoni 2913/11/6 – Is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref:2913/11/6 "Sabiex isir "*Doggy Bin*" fi Triq Pitirross il-parti ta' fejn hemm siġar". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2913/11/6 kienet approvata nem con.

**15.0 Aġġornament**

15.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8.40pm u kienet aġġornata għal-14 ta' Marzu 2011 fis-6.30p.m.

Sindku

D/Segretarju